**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 40

18 **ta' Jannar 2022**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2022 fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsilliera |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 40 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **40.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Nil |
| **40.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 40.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 39, kopja tal-Miuti tal-laqgħa Pubblika li saret fl-14 ta' Diċembru 2021 ukoll kif ukoll il-minuti tal-laqgħa b'urġenza Nru 41 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl. Il-minuti numru 39, minuti tal-Laqgħa Pubblika kif ukoll il-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 41 ġew approvati mill- kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **40.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 40.03.01 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti dwar imejl mibgħuta mid-dipartiment għal-gvern lokali fit - 28 tad-Diċembru 2021 mis-Sinj. Dorianne Diacono dwar skema għall-attivitajiet kuturali annwali 2022 bin-numru SPI/SCI/9/2021. Il-Kunsilliera qablu unanimament li l-kunsill għandu japplika għal din l-iskema, għall-attivitajiet kulturali. |
| 40.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li saret il-Quddiesa għal Jum il-Vittmi tal-Gwerra nhar il-Ħadd li għadda 16 ta' Jannar 2021 fejn il-kunsill bagħat għall kull għaqda biex jattendi u jippreżentaw xi fjuri quddiem il-monument tal-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu preżenti għall din il-quddiesa u ċerimonja tal-fjuri quddiem il-monument. |
| 40.03.03 | Is- Sindku ipropona fuq suġġeriment tar-residenti sabiex issir weekend break fid-DB San antonio fi Frar għall Jum San Valentino. Il-Kunsilliera qablu li għandu jsir dan il-weekend Break. |
| 40.03.04 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellem lil tal-Palombo Ship Repair sabiex jara f'hiex wasal il-proġett ta' *Ship to Shore* sabiex il-bowser jibdew jgħaddu minn naħa tal-Palombo u mhux mix-xatt peress li kien qed jidħlu ħafna ilmenti mir-residenti li joqgħodu ix-xatt. Iżda l-Perit Janice Borġ infurmatu li dan ix-xogħol waqa' ftit lura. |
| 40.03.05 | Is-Sindku għamel rapport mal-puluzija li hemm periklu fit-taraġ ta' bejn Triq il-Mina tax-Xatt u Triq San Ġiljan u hemm xi ġebelli qiegħed ta' periklu li nieżel minn mal-ħajt fejn Boiler Wharf ukoll. Is-Sindku bagħat |

| | |
|---|---|
| | kopja tar-ritratti wkoll. Il-Puluzija għandu jibgħat ir-rapport fl-aħħar tal-ġimgħa. |
| 40.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill talab lill-Perit Joseph Zerafa Boffa mill-ministeru ta' l-Onevorali Ian Borg MTIP dwar l-iskema SPI/SCI/7/2021– Fond t' manutenzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali sabiex jintroduċi aktar dettal fl-applikazzjoni li l-kunsill kien applika f' Diċembru 2021 għaliex il- Bord ta' Evalwazzjoni - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali riedu kjarifika. Il-Kunsill bagħat din il-kjarifika kif kien mitlub. |
| 40.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar imejl mibgħuta mir-Reġjun dwar ħatra ta' erba' uffiċċjali Is-Sur Jurgen Cachia fuq IT, Is-Sinj. Francesa Zammit fuq Kutlura, is-Sur Kaydem Schembri fuq Waste Management u is-Sinj. Zoe Fletcher fuq l-Ambjent. Is-sinkdu u s-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Kaydem l-uffiċċjal tal-Waste Management u l-ġimgħa d-dieħla ser jiltaqgħu mal-uffiċċjali l-oħra. |
| 40.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irrid jagħmel talba għall tlett kwotazzjonijiet għal żbir tas-siġar madwar l-Isla. l-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 40.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ll-Contracts Manager bagħat ir-rapport ta' Diċembru 2021 u ta' Jannar 2022 |
| 40.03.10 | Is-Sindku qara l-imejl li intbgħatet mill-grupp tan-nar sabiex il-kunsill jikkolabora għal ħruq tan-nar fil-festa 2022. Il-Kunsilliera qablu unanimament li ser jikkolaboraw u l-kunsill joħroġ €250 għal-parti mill-ispejjeż. |
| 40.03.11 | Is-Sindku qara l-imejl mibgħuta minn għand is-Sur Farrugia Christopher mid-DLG fejn informa lil kunsill li wara l-applikazzjoni li l-kunsill tefa' dwar l-espressjoni ta' interess Smart Solutions għall-immaniġjar tal-iskart ġiet meqjusa mhux eliġibbli mill-bord tal-evalwazzjoni skont l-artiklu 6.9,6.7 u 6.11. |
| 40.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li s-segretarju eżekuttiv ħadet ħsieb li tibgħat lil AKL dwar Personal Accident Policy AKL 2022/003 u l-Polza tal-Assigurazzjoni tas-saħħa 2022 Cir AKL 2021/130 kif ukoll applikat għall-assigurazzjoni tal-flus. |
| 40.03.13 | Is-Segretarju Eżekuttiv kellha tibgħat għall-kuntrattur tal-Milied sabiex jibgħat il-kont biex b'hekk jitħallas u l-kunsill jiġi rimborsat mir-Reġjun parti mill-ispejjeż tad-dawl tal-Milied. Id-dawl tax-xatt ġie żarmat ukoll. |

| | |
|---|---|
| 40.03.14 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil kunsilliera li l-kunsill qatt ma irrifjuta li jżomm il-flus biex jitħallsu il-kirjiet. Iżda huwa preferibilment li jitħallsu bil-credit card għalhekk il-kunsill ġab l-EPOS Machine u tagħħha jħallas charges sabiex ir-residenti jinqdew aktar aħjar, jistgħu ukoll jibgħatu ċekk direttament il-lands. Kien hemm żmien li ma kienx iżomm il-muniti għaliex il-bank ma jaċċettax muniti u apparti minn hekk il-kunsill Lokali tal-Isla irrid immur jiddepożita il-cash f'banek li għandhom in-night safe deposit li l-iktar wieħed viċin huwa ta' Wied il-Għajn, li s-segretarju eżekuttiv tagħmel dan personalment u bil-karozza personali tagħħa, issa qed tagħmel użu bil-van tal-kunsill. |
| 40.03.15 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva imejl minn għand il-Pirata restorant sabiex jagħmel żewġ umbrellel, minflokk żewġ parkeġġi biex il-klijenti tiegħu ipejpu barra. Il-Kunsill ma jistax joħroġ tali permess, talab ukoll lis-sindku biex jaqla' żewġ bankijiet iżda s-sinkud infurmaħ li dan mhux possibli. |
| 40.03.16 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li s-Sinj. Rita Scicluna qed tiftaħ il-grawnd tal-futbol sabiex jilgħabu tlett it-tfal għaliex ma għandhomx fejn jiġru bil-ballun. Il-Kunsill talab lil din ir-residenta sabiex tħallas 10 euro biex ikun jista' jħallas lil ħaddiema wara l-ħin tax-xogħol tiegħu. Kien hemm diżgwit għaliex is-Sinj. Rita Scicluna fetħet ftit tard u l-adult li kien ma dawn it-tfal x'ħin ġiet biex is-Sinj. Rita Scicluna talaq il-grawnd tefala ċ-ċwievet għal-wiċċa. Il-ġenitur ta' dawn it-tfal riedet li jinfetaħ għall aktar minn siegħa iżda il-kunsill ma aċċettax li jsir dan għal il-ħaddiema li għandu siegħa biss jista' jdum jistenna sabiex jifta u jagħlaq il-grawnd. Is-Sindku informa lil kunsilliera li jekk din il-persuna li qed tuża l-grawnd terġa iġib ruħa mhux kif suppost il-kunsill jiddeċidi li l-grawnd ma jerġax jinfetaħ għall din il-persuna. Il-Kunsilliera qablu dwar din id-deċiżjoni. |
| 40.03.17 | Is-Sinkdu informa lil kunsilliera li ser issir maratona ta' 10 K fid-29 ta' Jannar 2022 sabiex il-kunsill joħroġ No Objection. Kif ukoll il-kunsill ser joħroġ No objection lil La Vallett Marathon ukoll. Il-Kunsillier qablu unanimament. |
| 40.03.18 | Is-Sindku informa li flimkien mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-Sinj Stefanie Polidano mill-FSWS sabiex jorġaniżżaw attivitajiet għall-anzjani meta jibda jonqos iktar in-numur tan-nies attivi bil-COVID 19. |
| 40.03.19 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li ser tattendi onlajn meeting dwar l-Erasmus and European Solidarity Corps Award il-Ġimgħa 4 ta' Frar 2002 bejn id-9.00am u 2.00pm. Kif ukoll is-Sindku u s-segretarju eżekuttiv attendew għall-konferenza annwali tas-Segretarji Eżekuttiv fid-Dolmen f'Diċembru li għadda. |

| | |
|---|---|
| 40.03.20 | Is-Sinkdu informa lil Kunsilliera dwar proġett tal-Erasmus li s-Sur Arthur Perici tefa l-applikazzjoni f'isem il-kunsill ġie magħżul mill-EU. Dan il-proġett jismgħu KA 152 - Mobility of young people. Il-Pajjiżi li ser ikunu partners mal-Kunsill tal-Isla huma Serbia, Rumania u Italja. |
| 40.03.21 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jiltaqgħu mas-Sur Arthur Perici dwar proġett ieħor sbaiex niddiskutu f'hix nistgħu napplikaw. |
| 40.03.22 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li itlaqa' mas-Sur Adrian Falzon sabiex jiddiskutu dwar il-website biex il-kunsill ikollu ir-rights sabiex jaġġorna l-paġna tal-website biex tkun aktar moderna. Il-Kunsill irċieva l-kont ta' Cyber Klass dan irrid jitħallas biex il-kunsill jibqa' jkollu l-permess tal-paġna. |
| 40.03.23 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-bollards ta' Triq San Franġisk huma approvati mit-TM, l-ittra datata 12 ta' Jannar 2022. Kien hemm ilment li fi Triq il-Maċina k/m Triq San Ġużepp qed jipparkjaw il-karrozzi li hija perikoluża għax min ikun ġej ma jkollux spazju biżżejjed u jista jaqbad it-taraġ għal-isfel. Dan l-ilment ser nittratawh aktar tard wara li l-parkeġġ tad-daħla tal-Isla jkun lest. Hemm bollard fi Triq iż-Żewġ Mini k/m Triq San Pietru u San Pawl li hija maqlugħa sabiex il-kunsill jerġa jirranġha. |
| 40.03.24 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li ħarġet skema sabiex il-kunsill japplika għall-Finanzjament għall-żvilupp u titjib fil-kundizjonijiet tal-Playing Fields SPI/SCI/1/2022. Il-Kunsill għandu joħroġ b'ideja sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 29 ta' April 2022. |
| 40.03.25 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li il-Kunsill ser jitfa' l-applikazzjoni għall fondi għall-attivitajiet li din ser talaq fl-aħħar ta' Jannar 2022. |
| 40.03.26 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li qed ikun hemm ilment dwar il-Mina tal-Porto Salvu li suppost kellha issir is-sena l-oħra mill Fondazzjoni tal-kottonera u sallum għadu ma sar l-ebda ċaqliq, għalhekk is-sindku qed jitlob lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tibgħat imejl biex tara jekk it-tender għal dan ix-xogħol tal-mina tal-Porto Saluv inħariġx. |
| 40.03.27 | Is-Sinkdu iddiskuta mal-kunsilliera li hemm problema fil-faċċata tal-Gardjola minħabba l-kannoli li hemm mal-grada li mhux qegħdin fi stat tajjeb. Il-Kunsill għamel rapport l-għassa u inħareġ rapport mill-Lands mil-Periti tal-lands fejn qed jgħidu li l-manutenzjoni tal-Ġnien il-Gardjola jaqa' f'idejn il-kunsill. Il-Kunsill talabl għall kwotazzjoni ta' dan ix-xogħol li s'issa inġabret kwotazzjoni waħda li din il-kwotazzjoni hija ta' 30,000 ewro. Ix-xogħol jinkludi: |

| | |
|---|---|
| | Qlugħ tal-ġebel, Rimi tal-materjal, qlugħ tal-ħadid li hemm u jsir galvaniżżat, żebgħa u ħardner taż-żebgħa, tkisir tal-konkos li hemm taħt parti mix-xogħol eżistenti biex wara issir tal-ġebel biex jikumplimenta l-kumplament tal-faċċata. Użu ta' High up, ġebel u materjal, trasport li hemm bżonn, xogħol tal-lavur kollu li hemm bżonn, bini tal-pilastri u l-ġebel li hemm bejn l-istess pilastri, Twaħħil tal-ħadid, tikħil tal-fili, xkatlar u tindif. Il-Kunsilliera issuġġerew li jitneħħa l-bank li hemm fuq barra biex jiġi evitat xi periklu jekk xi ħadd ikun qiegħed bilqeda fuq dan il-bank ta' barra u jitneħħa l-periklu li hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerit li jekk il-kunsill ser jidħol għal din il-biċċa xogħol ta 30,000 ewro il-kunsill irrid jerġa' jiddiskuti mal-accountant sabiex jirrevedi il-Budget 2022, għaliex il-Budget 2022 kien ikkalkulat li innefqa ser tkun sa l-inqas ewro. Is-Sindku talab il-kunsilliera sabiex jieħu parir legali biex jara ds-dmir tal-kunsill x'hinu jekk jinqala xi inċident. Il-Kunsilliera qablu li l-kunsill għandu jieħu parir legali sabiex jara r-rsponsabilta' tal-kunsill. Il-Kunsilliera Joeline issuġġerit li issiru tabelli danger u tape aħmar biex jekk jinqala' xi inċident il-kunsill ikun kopert li, l-istess kunsill avża lil pubbliku li f'dik il-parti hemm il-periklu. |
| 40.03.28 | Is-Sinkdu iltaqa' mal-Ministru Jose Herrera sabiex jatiħ il-kwotazzjoni ta' kemm ser jiġi jiswa l-arblu li hemm fil-Gardjola li huwa b'komemorazzjoni mill-wasla tal-konvoy ta' Santa Marija. Is-Sindku ser jgħaddi l-kwotazzjoni lil-Ministru Jose Herrera kif ukoll id-disinn ta' dan l-istess arblu u rapport ta' dan il-mafkar. Din il-kwotazzjoni hija ta' madwar 4500 ewro. |
| 40.03.29 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fis-6 ta' Jannar 2022 is-Sindku kellu laqa' mas-Sur Raphael Abdilla, Noel Vella, Rodney Micallef il-Perit li ser ikun qed jieħu ħsien Triq il-Vitorja u ser jerġgħu jiltaqgħu il-ġimgħa d-dieħla biex jiltaqgħu mal-WSC u min naħa ta' l-Enemalta ser jiltaqgħu mas-Sur Ray Falzon biex jinbidel id-dawl ta' quddiem il-knisja u jsiru ġodda. Ġie issuġġerit li t-toqob tal-arbli tal-festa jiġu bejn is-siġar sabiex ma jintilifux parkeġġi fi żmien il-festa. |
| 40.03.30 | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-kunsill irċieva imejl mis-Sinj. Elizabeth Aquilina mill MTA biex navżaw jekk hux ser issir xi xogħol fis-Sajf minħabba li l-Isla hija żona turistika u ma jinħarġux permessi ta' kostruzzjoni għalhekk il-kunsill għandu javża li ser issir xi xogħol ta' pavimentar fi Triq Sant Anġlu. |
| 40.03.31 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser jitwaħħlu l-arbli li ġew finanzjati mill-GHRC bit-tabelli ta' indikazzjoni li fejn wieħed irrid immur għal- |

| | |
|---|---|
| | postijiet ta' interess. Kien hemm xi 3 li twaħħlu ħżiena u s-Sindku ser jiltatqa' magħhom il-Ħamis sabiex jurihom fejn irridu jiġu imwaħħla. |
| 40.03.32 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ħareġ bl-ideja li għal Milied li ġej issir siġra jew presepju kbir bil-ġanċ. Tkellem mal-kunsilliera Corinne Buhagiar biex issib residenti li huma interesati li jaħdmu dan ix-xogħol biex b'hekk ikun xogħol kreattiv tar-residenti tal-Isla. Il-Kunsill irrid jinvesti biex jixtri il-kobbob tas-suf u jsir laqgħat sabiex jiddiskutu kif wiehed għandu jagħmel il-pattern għal dan il-proġett u l-istruttura għal dan il-proġett. Il-Kunsilliera qablu ma din l-ideja. Is-Sindku wkoll ippropona li għal żmien il-Karnival issir Pasta Night. |
| 40.03.33 | Is-Sindku propona li issir il-Qarċilla Tal-Karnival, reċta antika li issir b'kostumi sbieħ. Din l-attivita tiġi tiswa' madwar 2000 ewro u issir tlett darbiet għall ħams u għoxrin minuta il-waħda. Ippropona li issir fis-sede. Il-Kunsilliera ma qablux ma din l-attivita għax rawha kemm xejn għolja. |
| 40.03.34 | Is-Sindku ressaq imejl mingħand is-Sinj. Marika Seychell tal-Lands dwar it-tieni skema tal-Manutenzzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern, fejn is-sindku irrisponda li blokka waħda biss li hija 59 Triq iż-Żewġ Mini , L-Isla li irrispondiet għal din l-iskema. |
| 40.03.35 | Is-Sindku bagħat imejl dwar proposta li rċieva sabiex issir dramm bl-esperjenzi personali tan-nies tal-lokal fiż-żminijiet li mgħioddija. Il-Kunsilliera Corinne Buhagiar flimkien mas-sindku iltaqgħu mas-sur Malcolm Galea għall aktar informazzjoni fejn din l-informazzjoni ġiet mgħoddija lil kunsilliera kollha, u sindku talab l-approvazzjoni tal-kunsilliera. Il-kunsilliera approvaw dan il-proġett. |
| 40.03.36 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl lil-kunsilliera il-Mangement Letter 2020 tar-Reġjun Xlokk. |
| **40.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv : |

| | |
|---|---|
| | Il-Bozza Central hanging ta' quddiem it-Titanic hija baxxa tista tinbidel ?<br><br>Is-sindku informa lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tibgħat workflow lil kuntrattur biex tinbidel din il-bozza. |
| **40.5** | **Rapporti** |
| **40.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart lil kunsilliera kollha permezz ta' imejl.Is-segretarju Eżekuttiv spjegat li l-pożizzjoni finanzjarja tinsab f'istwazzjoni pożżittiva. Ir-Rapport Finanzjarju tar-raba' kwart ġie approvat mil-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u il-kunsilliera is-Sinjorina Corinne Buhagiar. |
| **40.5.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order* ta' Diċembru lista B 2021 *u Petty Cash* għax-xahar ta' Jannar 2022 fejn ġew approvati mill- kunsilliera Corinne Buhagiar u s-sekondati mil-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **40.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 40.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 1/2022 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sinj Joline Attard. |
| **40.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 40.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2022 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 22 ta' Frar 2022

IFFIRMATI
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATI
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv